Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa b' Urġenza tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa b'Urġenza Numru 42

It- Tlieta,16 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.08am

## 42.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

42.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 42.2 Gomorino Bridge- proposta ta' One Way

42.2.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra set ta' pjanti ta' Gomorino Bridge la darba din titlesta. Din saret fuq insistenza tagħna għaliex bħala Kunsill qatt ma ġejna mgħarrfa fuq kif ħa jsiu ix-xogħolijiet fuq il-bridge. Huwa kompla qal l-uffiċċju rċieva talba biex Gomorino Bridge ssir One Way peress li meta ġew mfassla l-pjanti ma kienx hemm ppjanat li jsiru parking bays u minflok saru bankini.

42.2.2 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u wasal għal konkluzjoni li Gomorino Bridge għandha tibqa' two-way kif dejjem kienet għar-raġuni li bl-implimentazzjoni ta' One- Way traffic management din ser toħloq kongestjoni ta' traffiku u aċċess limitat għar-residenti li joqgħodu l-Mdina u ta' madwar.

42.2.3 Is- Sindku qal li bħala Kunsill għandna nkomplu ninsistu ma' l-awtoritajiet governattivi li għalqa li tinsab biswit l-Istazzjon li hija propjeta' tal- Lands tinbidel f' car park u b'hekk intaffu ftit il-problema tal-parkeġġ.

## 42.3 Malta Classic 2022- Email mingħand l-Organizzaturi

42.3.1 Is- SE qara' email mibgħuta mis- Segretarju tal- Malta Classic u poġġa din l-email fuq il-mejda tal- Kunsill biex il-Kunsill jerġa jirrevedi d-deċizjoni li ttieħdet fil- Laqgħa Nru. 41 datata 26 ta' Lulju 2022.

42.3.1 Il-Kunsill ddiskuta l-punti elenkati fl-email mis- Segretarju ta' l-organizzazzjoni.

42.3.2 l-Kunsill qed jafferma d-deċizjoni li kien ħa waqt il-laqgħa tal-Kunsill Nru 41 datata 26 ta' Lulju fejn ma ngħatatx approvazzjoni biex il-Malta Classic ssir fil-lokalita' ta' l-Mdina..

42.3.2.1 Filwaqt li jista' jkun li jekk jitlestew ix-xogħolijiet fil-ħin li għaddejin bħalissa, jistgħu ikunu ta' għajnuna, il-Kunsill xorta jisħaq li din it-tiġrija ssir f'xi post ieħor għaliex f'dawk l-erbat ijiem tal-grand prix l-aċċess għar-residenti ta' l-Mdina, Rabat u Mtarfa fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom ser jibqa' jkun ristrett ħafna bil-konsegwenza li jinġemgħa ħafna traffiku u biex ir-residenti jidħlu ġo darhom ikollhom jagħmlu ħafna sagrifiċċji.

42.3.2 Sadanittant is- Sindku infuma lil- Kunsill li ser toħroġ stqarrija konġunta bejn it-tlett lokalitajiet involuti u talab lis–SE biex jinfurma lil Kunsilli Lokali tar- Rabat u Mtarfa

**42.4 Kunċert Orkestrali għal Milied- Kattedral Mdina**

42.4.1 Is- SE ressaq proposta tar- Reġjun Punent fejn qed jirreferu għal Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali- DLG- SPI/SCI/08/2022: Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Milied 2022. Bħala Reġjun huma ser japplikaw biex f' Diċembru ta' din is-sena bħala parti min din l-espressjoni jiġi organizzat kunċert orkestrali ġewwa l-Kattidral ta' L-Mdina.

42.4.2 Il-Kunsill approva li jsir dan il-kunċert u sadanittant is- Sindku ser ikellem lil Arċipriet tal-Kattidral fuq dan l-avveniment.

**42.3 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

42.3.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 9.20am u ġiet aġġornata għas- 22 ta' Awwissu 2022 fit-9am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___22 ta' Awwissu 2022__